MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 47/2002/1

**John Mary *sive* Jimmy Agius, Angelo Agius u Grace Everest f'isimha proprju u fil-kwalita' tagħha ta' mandatarja speċjali għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Joseph Agius, bħala eredi tal-mejta Maria Agius, u Victoria Vella, xebba**

**-vs-**

**Paul Vella; u b'digriet tat-12 ta' Awissu 2003 l-atti ġew trasfużi f'isem Anna Cauchi, Joseph Vella, Carmelo Vella, John Mary Vella, Margaret Vella, Paolo Vella,**

**Emanuela Vella, Doreen Micallef u Marthese Bartolo *stante* li l-istess konvenut miet fil-mori tal-kawża.**

**Il-Qorti,**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata mill-atturi fit-18 ta' Jannar 2002 li permezz tagħha ġie premess:

Illi in forza ta' testment *unica charta* tas-17 ta' Frar 1954 in atti Nutar Dottor Antonio Galea (Dok A) u senjatament ir-Raba' (4) Artikolu tal-istess, it-testaturi Gio Maria u Anna konjuġi Vella ħallew bi prelegat u in piena proprjeta' lil uliedhom Maria mart Paolo Agius (illum mejta), u Victoria Vella xebba:-

1. il-fond numru 18 u 19, Triq il-Wied, Mellieħa;
2. il-meżżanin numru 20, Triq il-Wied, Mellieħa;
3. il-meżżanin numru 21, Triq il-Wied, Mellieħa;
4. u l-garaxx bla numru, Triq il-Wied, Mellieħa

bil-patt li l-istess fondi jiġu stmati minn Perit u l-atturi jħallsu lill-konvenut it-terz tal-valur illi jiġi hekk iffissat.

Illi l-imsemmi Gio Maria Vella miet fis-6 ta' Mejju 1970 filwaqt illi l-imsemmija Anna Vella mietet fil-21 ta' Mejju 1960.

Illi l-fuq imsemmija Maria Agius mietet fl-4 ta' Settembru 1993 u konsegwentement is-sehem tagħha fil-prelegat fuq imsemmi għadda fuq it-tfal tagħha, John Mary Agius, Angelo Agius, Grace miżżewġa Everest u Joseph Agius.

Illi nonstante diversi tentattivi mill-atturi, l-konvenut Paul Vella ma wasalx għal ftehim dwar dan il-prelegat,

Illi llum l-eredita' kollha tal-mejtin Gio Maria u Anna Vella tinsab diviża salv il-fuq preċitat prelegat.

Illi l-konvenut Paul Vella ntavola kawża kontra l-istess atturi għall-ħlas tat-terz tal-fondi numri 18, 19, 21, Triq il-Wied Mellieħa u l-garaxx bla numru li jinsab fl-istess triq u dana *ai termini* tal-Artikolu Erbgħa (4) tat-testment fuq imsemmi, liema kawża ġġib Ċitazzjoni Numru 677/01 JRM.

Illi l-konvenut jokkupa l-fond numru 20, Triq il-Wied, Mellieħa u dana mingħajr ebda titolu validu skond il-liġi.

Illi l-atturi sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom bħala proprjetarji b'mod partikolari fuq il-fond numru 20, Triq il-Wied, Mellieħa, talbu u ottjenew il-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni kontra l-konvenut Paul Vella sabiex jinżamm milli jikri, iċedi jew b'xi mod jittrasferixxi l-imsemmi fond lil terzi, liema Mandat ta' Inibizzjoni jġib in-numru 14/02 (Dok.B).

Illi għalkemm il-konvenut ġie debitament interpellat huwa baqa' inadempjenti.

Jgħid għalhekk l-istess konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti:-

1. Tiffissa data, lok u ħin għall-pubblikazzjon tal-att tal-immissjoni fil-pussess da parti tal-konvenut a favur l-atturi fir-rigward tal-fondi 18,19,20 u 21 Triq il-Wied, Mellieħa u l-garaxx bla numru illi jinsab fl-istess triq u tinnomina Nutar Pubbliku biex jippubblika l-istess att u kuraturi deputati biex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq dak l-att.

2. Tiddikjara illi l-konvenut qed jokkupa il-fond numru 20, Triq il-Wied, Mellieħa mingħajr ebda titolu validu skond il-liġi;

3. Konsegwentement tordna lill-konvenut jiżgombra mill-fond numru 20, Triq il-Wied, Mellieħa fi żmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali datata 4 ta' Ġunju 1996 kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut preżentata fit-13 ta' Frar 2002 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament Grace Evarist għandha tagħti prova li għandha r-rappreżentanza ta' Joseph Agius.

2. Illi hemm lok tal-konnessjoni ta' din il-kawża mal-kawża fl-ismijiet "Paul Vella vs Grace Evarist et" (Ċit. Nru: 677/01JRM).

3. Illi t-talba tal-atturi għall-immissjoni fil-pussess hija preskritta għat-tenur tal-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u biss f'każ li tiġi miċħuda t-tielet eċċezzjoni, l-ewwel talba hija nulla peress li l-eċċipjent huwa biss wieħed mill-koeredi tal-mejta Gio Maria u Anna konjuġi Vella u t-talba kif proposta ma treġix.

5. Illi t-tieni u t-tielet talba tal-atturi hija nulla peress li in kwantu permezz tal-ewwel talba qegħdin jitolbu li jsiru possessuri tal-legat, ma jistgħux jeżerċitaw azzjoni kontra terzi fuq immobbli li fuqu qiegħed jintalab l-immissjoni fil-pussess.

6. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u f'kull każ, it-talbiet tal-atturi in kwantu jirreferu għall-fond numru 20, Triq il-Wied, Mellieħa huma nfondati peress li l-eċċipjent huwa proprjetarju tal-istess bis-saħħa tal-preskrizzjoni triġenerarja.

7. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u kif ser jirriżulta mill-provi, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat id-digriet tat-12 ta' Awissu 2003 li permezz tiegħu wlied il-konvenut ġew imdaħħla fil-kawża minfloku peress li l-istess konvenut miet fil-mori tal-proċeduri;

Rat is-sentenza preliminari tal-8 ta' Frar 2006 li permezz tagħha ġew miċħuda t-tielet u sitt eċċezzjoni tal-konvenut;

Semgħet il-provi;

Rat ir-rapporti peritali 'ex parte" tal-Perit Godwin Abela u l-Perit Joseph Ellul Vincenti kif ukoll tal-A.I.C. Valerio Schembri li ġie nominat mill-Qorti;

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Diċembru 2014 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Qorti estendiet it-terminu għall-preżentata tar-risposta tal-konvenuti sal-15 ta' Jannar 2015;

Ikkunsidrat;

Illi kif ingħad l-atturi qed jitolbu li jiġu mmessi fil-pussess tal-proprjetajiet imsemmija aktar qabel u li ġew indikati fit-testment ta' Gio Maria u Anna Vella pubblikat fl-1954. Dawn ħallew lil uliedhom (tlieta) werrieta u kkostitwew legat favur l-attriċi Victoria Vella u Maria Agius, issa mejta u li wliedha bħala werrieta tagħha huma l-atturi l-oħra fil-kawża.

Illi l-kontestazzjoni fil-verita' hija biss dwar il-fond numru 20, Triq il-Wied, il-Mellieħa għaliex dwar il-fondi l-oħrajn ma hemmx kwistjoni. Dan għaliex il-konvenut defunt Paul Vella sostna li din il-propjeta' hija tiegħu. Barra illi eċċepixxa l-preskrizzjoni huwa nsista li dik il-proprjeta' akkwistaha mingħand missieru permezz tal-kuntratt tat-18 ta' Mejju 1969 in atti Nutar Anthony Gatt. Martu xehdet illi huma marru joqogħdu mill-ewwel f'dan il-fond meta iżżewġu fl-1951 u skond hi dejjem bil-fehma li kien tagħhom; telqu minn hemm ċirka 32 sena wara u ħallew lil uħud mit-tfal joqogħdu hemm.

Illi r-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenut ma humiex fondati; ma hemm ebda nullita' li huwa wieħed mill-ko-eredi biss għaliex il-ko-eredi l-oħra huma l-atturi filwaqt li anke l-eċċezzjoni li ma tistax tiġi eżerċitata l-azzjoni kontra 'terzi' għaliex l-eccipjent huwa fl-istess ħin il-pussessur u l-ko-eredi li neċessarjament irid jimmetti fil-pusess lil-legatarju.

Illi kif huwa faċilment intuwibbli l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut huma ftit jew wisq kontradittorji għaliex fl-istess waqt li oppona l-preskrizzjoni ta' tletin sena allega li akkwista l-proprjeta' fl-1969 permezz tal-kuntratt u kien għalhekk li pproduċa x-xhieda tal-A.I.C. Abela bħala espert *'ex parte'* għaliex skond hu, l-art li akkwista permezz tal-kuntratt imsemmi tikkomprendi dan il-fond. Ma' dan ma qabilx l-A.I.C. Ellul Vincenti u kien għalhekk li l-Qorti nnominat lill-A.I.C. Schembri.

Illi dan fir-relazzjoni tiegħu qabel mal-atturi u kkonkluda illi *"il-fond numru 20, Triq il-Wied, Mellieħa ma kienx ġie akkwistat permezz tal-kuntratt tat-18 ta' Mejju 1969 fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt a fol 42 tal-proċess."* Il-Qorti hija sodisfatta għal kollox bl-ispjegazzjoni li fassal l-imsemmi perit a fol 463 *et sequitur* tal-proċess u kwindi se tilqa' t-talbiet kollha attriċi. *Oltre* dan, kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża deċiża fit-23 ta' Gunju 1967 fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat et"** *"għalkemm il-Qorti mhux marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijiet tagħha nnifisha, u l-konklużjonijiet peritali bħal materjali istruttorji oħrajn kontrollabbli mill-ġudikant, madankollu 'il giudizio del' arte' espress mit- tekniku ma jistgħux u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta' lilha mogħitja b'talba ta' nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke' ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi rraġonevoli."* Bl-istess mod il-Qorti ppronunzjat ruħha fil-kawża fl-ismijiet **"Josephine Micallef vs Louis Zammit"**, deċiża fil-11 ta' Ottubru 2010 minn din il-Qorti u aktar riċentement il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **"Kummissarju tal-Artijiet vs Mugliette et"** deċiża fit-28 ta' Marzu 2014.

Illi tenut kont ta' dan kollu infatti ma jista' jkun qatt li l-konvenut dejjem kien tal-fehma qabel l-1969 li l-fond kien tiegħu għaliex fl-aħjar ipotesi favur tiegħu seta' ħaseb li akkwista dakinhar meta fil-fatt ma kienx. Kif ġja' ssemma għal raġunijiet differenti u kważi prettament legali, il-Qorti ġja' ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni permezz tas-sentenza fuq imsemmija.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra mhux ġja' respinti bis-sentenza fuq imsemmija u tilqa' t-talbiet kollha attrici; tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv, u lill-Avukat Dottor Joe Mifsud bħala kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċji fuq l-att li għandu jiġi ppubblikat fl-edifiċju tal-Qorti f'data li tiġi ffissata mill-Qorti fuq talba ta' xi parti interessat jew tal-istess Nutar; għar-rigward tat-tielet talba tipprefiġġi terminu ta' tlett xhur.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuti; dawk tal-kuntratt terz mill-eredi ta' Maria Agius, terz minn Victoria Vella u terz mill-konvenuti bejniethom ilkoll bħala ko-eredi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------